MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 895/2009

**Joseph Mifsud (ID: 178561M) u martu Sylvana Mifsud (ID: 366062M)**

**-vs-**

**Duncan Robert Petroni (ID: 185373M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf li jaqra hekk -

*1. Illi fl-14 ta' Marzu tas-sena 2005 ir-rikorrenti u l-intimat iffirmaw skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu, hawn annessa u mmarkata bhala Dok "JM1", fejn l-istess intimat ikostitwixxa ruhu bhala debitur veru u likwidu versu r-rikorrenti ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€25,623.10) u ntrabat li jhallas lill-istess rikorrenti l-istess somma ta' ta' hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u*

*ghaxar centezmi (€25,623.10) fi zmien sentejn mid-data tal-iskrittura privata bl-imghax ta' sebgha fil-mija (7%) liema somma kienet tirraprezenta self li kienu ghamlu r-rikorrenti lill-istess intimat skond skrittura privata ohra datata 25 ta' Mejju tas-sena 1998 ;*

*2. Illi fl-istess skrittura privata tal-14 ta' Marzu tas-sena 2005 l-intimat in oltre rkonoxxa l-fatt illi r-rikorrenti kienu ghamlu tajjeb b'xi kontijiet personali taghhom fl-HSBC Bank Malta P.l.c u l-APS Bank Limited ghal self li kien ghamel l-intimat mal-istess APS Bank Limited u dana bis-somma ta' sbatax-il elf mitejn u sebgha u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (€17,237.36) u l-intimat accetta l-fatt illi jekk ikun il-kaz illi l-APS Bank Limited idur fuq tali somma jew parti minnha sabiex taghmel tajjeb ghas-self moghti mill-istess Bank lill-intimat, l-intimat obbliga ruhu li jirrifondi tali somma hekk mehuda ;*

*3. Illi fil-fatt l-intimat beda ghal xi zmien ihallas dana s-self lil APS Bank Limited pero' sussegwentament huwa waqaf jaghmel il-pagamenti relattivi u fil-fatt il-Bank APS baghtu ittra lill-intimat, hawn annessa u markata bhala "JM2", datata 29 ta' Frar 2008, fejn il-Bank informa lill-intimat illi minhabba l-fatt li huwa waqaf jaghmel dawna l-pagamenti, il-Bank kien se jigbed ir-rimanenti ammont dovut minnu ta' disat elef seba' mija u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€9,783.37) mill-kontijiet appartenenti lir-rikorrenti u li kienu mpoggija mill-istess rikorrenti bhala rahan a favur dana s-self ;*

*4. Illi in oltre r-rikorrenti hallsu l-ammont ta' mitejn tnejn u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€272.53) mitlub mill-APS Bank Ltd hekk kif muri mid-dokument 'JM3' sabiex il-kontijiet taghhom, li kienu mqieghda bhala rahan, jigu mhollija u liema ammont suppost kellu jigi mhallas lill-intimat ;*

*5. Illi sal-lum il-gurnata l-intimat ma hallas xejn minn dak dovut minnu skond l-iskrittura datata 14 ta' Marzu 2005 u cioe' hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€25,623.10) ;*

*6. Illi sal-lum l-intimat ghadu m'ghamel l-ebda tip ta' rifuzjoni lir-rikorrenti tas-somma ta' disat elf seba' mija u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€9,783.37) mehuda mill-APS Bank Limited mill-kontijiet tar-rikorrenti li kienu mpoggija bhala rahan meta l-istess intimat waqaf ihallas is-self li huwa kien ghamel ma' l-istess APS Bank Limited ;*

*7. Illi sal-lum l-intimat ghadu m'ghamel l-ebda tip ta' rifuzjoni lir-rikorrenti tas-somma ta' mitejn tnejn u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€272.53) li gew imhallsa mir-rikorrenti sabiex jigu mhollija l-kontijiet tar-rikorrenti li kienu mpoggija bhala rahan ghas-self mehud mill-intimat minghand l-APS Bank Limited ;*

*8. Illi ghalhekk l-intimat huwa debitur versu r-rikorrenti ghas-somma kumplessiva ta' hamsa u tletin elf sitt mija u disgha u sebghin Ewro (€35,679) flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi ;*

*9. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellhom iressqu din il-kawza ;*

*10. Illi l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet rikorrenti u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kkontemplati fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ghal dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti ghall-hlas ai termini ta' l-Artikolu 167 hawn fuq citat.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ; u*

*2. Tordna lill-intimat ihallas is-somma kumplessiva ta' hamsa u tletin elf sitt mija u disgha u sebghin Ewro (€35,679) lill-istess rikorrenti.*

*Bl-imghaxijiet ta' sebgha fil-mija (7%) mid-data tal-14 ta' Marzu 2005 in kwantu dak li ghandu x'jaqsam l-ammont ta' €25,623.10 u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tad-29 ta' Frar 2008 in kwantu ghas-somma ta' €10,055.90 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1171/09.*

*L-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

**Rat** id-dokumenti hemm annessi.

**Rat** li l-intimat kien debitament notifikat skond il-ligi.

**Rat** li fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2010, meta l-intimat kien imsejjah diversi drabi, ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba attrici kif dedotta tidher gustifikata u hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u tletin elf sitt mija u disgha u sebghin Ewro (€35,679), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------